- (o) fir-rigward ta' prodotti mhux raffinati (għajr il-jelly tal-petroleum, l-ożoċerit, xama' tal-linjite jew xama' tal-peat, ix-xama' bajda li fiha inqas minn 0,75 % żejt) tal-intestatura ex 2712 biss, tneħħija taż-żejt permezz ta' kristallizzazzjoni frazzjonali.

- 8.3. Għall-finijiet tal-intestaturi ex 2707 u 2713, operazzjonijiet sempliċi, bħal tindif, dikantazzjoni, tneħħija tal-melħ, separazzjoni tal-ilma, iffiltrar, kolorizzazzjoni, immarkar, kisba ta' kontenut ta' kubrit permezz ta' taħlit ta' prodotti ma' kontenuti differenti tal-kubrit, jew xi kombinament ta' dawk l-operazzjonijiet jew oħrajn simili, ma jagħtux l-oriġini.

**Nota 9 – Definizzjoni tal-proċessi u tal-operazzjonijiet speċifiċi imwettqin fir-rigward ta' ċerti prodotti**

- 9.1. Il-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 30 miksuba f'Parti bl-użu ta' kulturi taċ-ċelloli għandhom jitqiesu li joriġinaw f'dik il-Parti. "Kultura taċ-ċelloli" tfisser il-kultivazzjoni ta' ċelloli umani, tal-annimali u tal-pjanti f'kundizzjonijiet ikkontrollati (bħal temperaturi, medium tat-tkabbir, taħlita ta' gassijiet, pH definiti) 'il barra minn organizzmu ħaj.
- 9.2. Il-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 29 (għajr għal: 2905.43-2905.44), 30, 32, 33 (għajr għal: 3302.10, 3301), 34, 35 (għajr għal: 35.01, 3502.11-3502.19, 3502.20, 35.05), 36, 37, 38 (għajr għal: 3809.10, 38.23, 3824.60, 38.26) u 39 (għajr għal: 39.16-39.26) miksuba f'Parti bil-fermentazzjoni għandhom jitqiesu li joriġinaw f'dik il-Parti. "Fermentazzjoni" hi proċess bijoteknoloġiku li fih jintużaw ċelloli umani, tal-annimali jew tal-pjanti, batterji, ħmira, fungi jew enzimi biex jipproduċu prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitolu 29 sa 39.

9.3. L-operazzjonijiet tal-ipproċessar li ġejjin jitqiesu suffiċjenti f'konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 4 għall-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 28, 29 (għajr għal: 2905.43-2905.44), 30, 32, 33 (għajr għal: 3302.10, 3301), 34, 35 (għajr għal: 35.01, 3502.11-3502.19, 3502.20, 35.05), 36, 37, 38 (għajr għal: 3809.10, 38.23, 3824.60, 38.26) u 39 (għajr għal: 39.16-39.26):

- Reazzjoni kimika: “Reazzjoni kimika” hi proċess (inkluż proċess bijokimiku) li jirriżulta f'molekula bi struttura ġdida bit-tkissir ta' rabtiet intramolekulari u bl-iffurmar ta' rabtiet intramolekulari ġodda, jew bl-alterazzjoni tal-arranġament spazjali tal-atomi ġo molekula. Reazzjoni kimika tista' tiġi espressa permezz ta' bidla fin-“numru CAS”.

Jenħtieġ li l-proċessi li ġejjin ma jitqisux għal skopijiet tal-oriġini: (a) it-taħlil fl-ilma jew f'solventi oħra; (b) it-tneħħija ta' solventi inkluż l-ilma solventi; jew (c) iż-żieda jew it-tneħħija tal-ilma tal-kristallizzazzjoni. Reazzjoni kimika kif definita hawn fuq għandha titqies li tagħti l-oriġini.

- Taħlitiet u Amalgami: It-taħlit u l-amalgamar intenzjonati u kkontrollati b'mod proporzjonat (inkluż id-dispersjoni) tal-materjali, għajr iż-żieda ta' dilwenti, għall-konformità ma' speċifikazzjonijiet predeterminati, li jwassal għall-produzzjoni ta' oġġett b'karatteristiċi fiżiċi jew kimiċi li huma rilevanti għall-finijiet jew għall-użi tal-oġġett u li huma differenti mill-materjali tal-input għandu jitqies li jagħti l-oriġini.

- Purifikazzjoni: Il-purifikazzjoni għandha titqies li tagħti l-oriġini diment li l-purifikazzjoni ssir fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet jew fit-tnejn u twassal biex tiġi ssodisfata xi waħda minn dawn il-kriterji:
  - (a) il-purifikazzjoni ta' oġġett li twassal għat-tneħħija ta' mill-inqas 80 % tal-kontenut tal-impuritajiet eżistenti; jew
  - (b) it-tnaqqis jew it-tneħħija ta' impuritajiet li jwasslu għal oġġett adattat għal waħda jew aktar mill-applikazzjonijiet li ġejjin:
    - (i) sustanzi farmaċewtiċi, mediċinali, kożmetiċi, veterinarji jew tal-grad alimentari;
    - (ii) prodotti kimiċi u reaġenti għal użi analitiċi, dijanjostiċi jew tal-laboratorju;
    - (iii) elementi jew komponenti għal użu fil-mikroelettronika;
    - (iv) użi ottiċi speċjali;
    - (v) użu bijotekniku (eż., fil-kultura taċ-ċelloli, fit-teknoloġija ġenetika, jew bħala katalist);
    - (vi) trasportaturi użati fi proċessi ta' separazzjoni; jew
    - (vii) użi ta' grad nukleari.

- Bidla fid-daqs tal-partikoli: Il-modifika intenzjonata u kontrollata fid-daqs tal-partikoli ta' oġġett, għajr is-sempliċiment tifrik jew ippressar, li twassal biex l-oġġett ikollu daqs definit tal-partikoli, distribuzzjoni definittiva tad-daqs tal-partikoli jew erja tas-superfiċje definita, li jkunu rilevanti għall-iskopijiet tal-oġġett riżultanti u li jkollhom karatteristiċi fiżiċi jew kimiċi differenti mill-materjali tal-input, għandha titqies li tagħti l-oriġini.
- Materjali standard: Il-materjali standard (inkluż is-soluzzjonijiet standard) huma preparazzjonijiet adattati għal użi analitiċi, ta' kalibrazzjoni jew referenzjarji li jkollhom gradi preċiżi ta' purità jew proporzjonijiet li jiġu ċċertifikati mill-manifattur. Il-produzzjoni tal-materjali standard għandha titqies li tagħti l-oriġini.
- Separazzjoni tal-isomeri: L-iżolament jew is-separazzjoni tal-isomeri minn taħlita ta' isomeri għandhom jitqiesu li jagħtu l-oriġini.

## **ANNEX II**

### **LISTA TAL-ĦIDMA JEW TAL-IPPROĊESSAR LI JEĦTIEĠ ISIRU FUQ MATERJALI MHUX ORIĠINARJI BIEX IL-PRODOTT MANIFATTURAT JIKSEB STATUS ORIĠINARJU**

| Intestatura<br>(1) | Deskrizzjoni tal-prodott<br>(2)                                                                                                                        | Ħdim jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji,<br>li jagħtu status oriġinarju<br>(3)                    |
|--------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Kapitolu 1         | Annimali haġġin                                                                                                                                        | L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 għandhom jinkisbu għalkollox                                                          |
| Kapitolu 2         | Laħam u ġewwieni tal-laħam li jittiekel                                                                                                                | Manifattura fejn kull laħam u ġewwieni tal-laħam li jittiekel fil-prodotti ta' dan il-Kapitolu jkun inkiseb għalkollox |
| Kapitolu 3         | Ħut u krustaċġi, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn                                                                                              | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati jkunu nkisbu għalkollox                                      |
| Kapitolu 4         | Prodotti tal-ħalib; bajd tal-ġhasafar; ġhasel naturali; prodotti tajbin għall-ikel ġejjin mill-annimali, li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati jkunu nkisbu għalkollox                                      |
| ex Kapitolu 5      | Prodotti ġejjin mill-annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra; ġhajr għal:                                                               | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura                                                                   |
| ex 0511 91         | Bajd tal-ħut li ma jistax jittiekel                                                                                                                    | Il-bajd kollu jkun inkiseb għalkollox                                                                                  |

| Intestatura<br>(1) | Deskrizzjoni tal-prodott<br>(2)                                                                              | Ħdim jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji,<br>li jagħtu status oriġinarju<br>(3)                                                           |
|--------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| Kapitolu 6         | Siġar haġġin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u faxxina ornamental                  | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 6 użati jkunu nkisbu għalkollox                                                                             |
| Kapitolu 7         | Ħaxix u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel                                                              | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 7 użati jkunu nkisbu għalkollox                                                                             |
| Kapitolu 8         | Frott u ġewż tajbin għall-ikel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ                                    | Manifattura fejn il-frott, il-ġewż, il-qxur tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ kollha tal-Kapitolu 8 użati jkunu nkisbu għalkollox                           |
| Kapitolu 9         | Kafè, te, matè u ħwawar                                                                                      | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura                                                                                                          |
| Kapitolu 10        | Ċereali                                                                                                      | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 10 użati jkunu nkisbu għalkollox                                                                            |
| Kapitolu 11        | Prodotti tal-industrija tat-tin; malt; lamti; inulina; glutina tal-qamħ                                      | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 8, 10 u 11, l-intestaturi 0701, 0714, 2302 u 2303, u s-subintestatura 0710 10 użati jkunu nkisbu għalkollox |
| Kapitolu 12        | Żrieragħ u frott żejtnin; diversi ħabb, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u foraġġ | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott                                                                                   |
| ex Kapitolu 13     | Gommalakka; gomom, rażi, u meraq u estratti veġetali oħrajn; għajr għal:                                     | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura                                                                                                          |

| Intestatura<br>(1) | Deskrizzjoni tal-prodott<br>(2)                                                                                                                                                                                                                                                             | Ħdim jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji,<br>li jagħtu status oriġinarju<br>(3)                            |
|--------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| ex 1302            | Sustanzi tal-pektin, pektinati u pektati                                                                                                                                                                                                                                                    | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, fejn il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali |
| Kapitolu 14        | Materjal tad-dfir veġetali; prodotti veġetali li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra                                                                                                                                                                                                 | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura                                                                           |
| ex Kapitolu 15     | xaħmijiet u żjut tal-annimali jew veġetali u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet ippreparati tajbin għall-ikel; xemgħat tal-annimali jew veġetali; għajr:                                                                                                                                 | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott                                                    |
| 1504 sa 1506       | Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, tal-ħut jew tal-mammiferi tal-baħar; grass tas-suf u s-sustanzi xaħmin derivati minnu (inkluż il-lanolina); xaħmijiet u żjut tal-annimali oħrajn u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux modifikati kimikament | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura                                                                           |
| 1508               | Żejt tal-karawett u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat u kemm jekk le, iżda mhux modifikat kimikament                                                                                                                                                                               | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe subintestatura, għajr dik tal-prodott                                                 |
| 1509 u 1510        | Żejt taż-żebbuġa u l-frazzjonijiet tiegħu                                                                                                                                                                                                                                                   | Manifattura fejn il-materjali veġetali kollha użati jkunu nkisbu għalkollox                                                    |

| Intestatura<br>(1) | Deskrizzjoni tal-prodott<br>(2)                                                                                                                                                    | Ħdim jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji,<br>li jagħtu status oriġinarju<br>(3)                                                        |
|--------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 1511               | Żejt tal-palm u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat u kemm jekk le, iżda mhux modifikat kimikament                                                                          | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe subintestatura, għajr dik tal-prodott                                                                             |
| ex 1512            | Żjut taż-żerriegħa tal-ġirasol u frazzjonijiet tagħhom:<br>- għall-użi tekniċi jew industrijali għajr għall-manifattura tal-oġġetti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem<br>- oħrajn | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott<br>Manifattura fejn il-materjali veġetali kollha użati jkunu nkisbu għalkollox |
| 1515               | Xaħmijiet u żjut veġetali fissi oħrajn (inkluż iż-żejt tal-jojoba) u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux modifikati kimikament                  | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe subintestatura, għajr dik tal-prodott                                                                             |
| ex 1516            | Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, tal-ħut                                                                                                                                | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura                                                                                                       |
| 1520               | Gliċerol, grezz; ilmijiet u lissiji tal-gliċerol                                                                                                                                   | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura                                                                                                       |
| Kapitolu 16        | Preparati ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn                                                                                         | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitoli 2, 3 u 16 użati jkunu nkisbu għalkollox                                                                  |
| ex Kapitolu 17     | Zokkrijiet u hlewriet taz-zokkor; għajr:                                                                                                                                           | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott                                                                                |

| Intestatura<br>(1) | Deskrizzjoni tal-prodott<br>(2)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | Ħdim jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji,<br>li jagħtu status oriġinarju<br>(3)                                                                                                                                                                                                                                                              |
|--------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 1702               | <p>Zokkrijiet oħra, inkluż lattożju, maltożju, glukożju u fruttożju kimikament puri, fil-forma solida; ġuleppijiet taz-zokkor li ma fihomx miżjudin ħwawar jew sustanza koloranti; għasel artiċjali, kemm jekk imħallat ma' għasel naturali u kemm jekk le; karamella:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- Maltożju u fruttożju kimikament puri</li> <li>- Oħrajn</li> </ul> | <p>Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe intestatura, inkluż materjali oħra tal-intestatura 1702</p> <p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn il-piż tal-materjali tal-intestaturi minn 1101 sa 1108, 1701 u 1703 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-piż tal-prodott finali</p>                                          |
| 1704               | <p>Ħlewwiet taz-zokkor (inkluż iċ-ċikkulata bajda), li ma fihomx kawkaw</p>                                                                                                                                                                                                                                                                                                           | <p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali</li> </ul> <p>jew</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– il-valur taz-zokkor użat ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott</li> </ul> |

| Intestatura<br>(1) | Deskrizzjoni tal-prodott<br>(2)                                | Ħdim jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji,<br>li jagħtu status oriġinarju<br>(3)                                                                                                                                                                                                                                                |
|--------------------|----------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| ex Kapitolu 18     | Kawkaw u preparati tal-kawkaw; ġhajr:                          | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ġhajr dik tal-prodott, fejn il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali                                                                                                                                                                                              |
| ex 1806            | Ċikkulata u preparati oħra tal-ikel li fihom il-kawkaw; ġhajr: | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ġhajr dik tal-prodott, fejn: <ul style="list-style-type: none"> <li>– il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali</li> </ul> jew <ul style="list-style-type: none"> <li>– il-valur taz-zokkor użat ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott</li> </ul> |
| 1806 10            | Trab tal-kawkaw, li fih iz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ġhajr dik tal-prodott, fejn il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali                                                                                                                                                                                              |

| Intestatura<br>(1) | Deskrizzjoni tal-prodott<br>(2)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                | Ħdim jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji,<br>li jagħtu status oriġinarju<br>(3)                                                                                                                                                     |
|--------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 1901               | <p>Estratt tal-malt; preparati tal-ikel tad-dqiq, tal-ħabb imfesdaq, tal-grixa, tal-lamtu jew tal-estratt tal-malt, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 40 % skont il-piż ta' kawkaw ikkalkulat fuq bażi bix-xaħam imneħħi totalment, li mhumie x speċifikati jew inklużi banda oħra; preparati tal-ikel tal-oġġetti tal-intestaturi 0401 sa 0404, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 5 % ta' kawkaw skont il-piż ikkalkulat fuq bażi bix-xaħam imneħħi totalment, li mhumie x speċifikati jew inklużi banda oħra:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- Estratt tal-malt</li> <li>- Oħrajn</li> </ul> | <p>Manifattura miċ-ċereali tal-Kapitolu 10</p> <p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn il-piż individwali taz-zokkor u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali</p> |

| Intestatura<br>(1) | Deskrizzjoni tal-prodott<br>(2)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       | Ħdim jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji,<br>li jagħtu status oriġinarju<br>(3)                                                                                                                                                                                                                                                             |
|--------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 1902               | Għaġin, kemm jekk imsajjar jew mimli (bil-laħam jew sustanzi oħrajn) u kemm jekk le jew ippreparat mod ieħor, bħal pereżempju spagetti, imqarrun, noodles, lażanja, injokki, ravjul, kannelloni; kuskus, ippreparat jew le                                                                                                                            | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn: <ul style="list-style-type: none"> <li>– il-piż tal-materjali tal-intestaturi 1006 u 1101 sa 1108 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali, u</li> <li>– il-piż tal-materjali tal-Kapitoli 2, 3 u 16 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali</li> </ul> |
| 1903               | Tapjoka u s-sostituti tagħha ppreparati mill-lamtu, f'forma ta' fjokki, ħabb, perli, tnaqqijiet jew forom simili                                                                                                                                                                                                                                      | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr lamtu tal-patata tal-intestatura 1108                                                                                                                                                                                                                                                               |
| 1904               | Ikel ippreparat miksub min-nefħa jew mill-inkaljar taċ-ċereali jew tal-prodotti taċ-ċereali (eż. corn flakes); ċereali (għajr qamħirrum (qamħ)) fil-forma ta' ħabb jew fil-forma ta' fjokki jew ħabb ieħor maħdum (ħlief dqiq, ħabb imfesdaq u grixja), imsajrin minn qabel jew ippreparati mod ieħor, li mhum iex speċifikati jew inklużi banda oħra | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn: <ul style="list-style-type: none"> <li>– il-piż tal-materjali tal-intestaturi 1006 u 1101 sa 1108 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali, u</li> <li>– il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali</li> </ul>                            |

| Intestatura<br>(1) | Deskrizzjoni tal-prodott<br>(2)                                                                                                                                                                                                             | Ħdim jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji,<br>li jagħtu status oriġinarju<br>(3)                                                                                           |
|--------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 1905               | Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u prodotti oħrajn tal-furnara, kemm jekk fihom il-kawkaw u kemm jekk le; ostji tat-tqarbin, cachets vojta li huma adattati għall-użu farmaċewtiku, wafers tas-siġill, karta tar-ross u prodotti simili | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn il-piż tal-materjali tal-intestaturi 1006 u 1101 sa 1108 użati ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali |
| ex Kapitolu 20     | Preparati ta' ħaxix, frott, ġewż jew partijiet oħrajn tal-pjanti; għajr:                                                                                                                                                                    | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott                                                                                                                   |
| 2002 u 2003        | Tadam, faqqiegħ u tartuf ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-hall jew bl-aċidu aċetiku                                                                                                                                         | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 7 użati jkunu nkisbu għalkollox                                            |
| 2006               | Ħaxix, frott, ġewż, qoxra tal-frott u partijiet oħrajn tal-pjanti, ippreservati biz-zokkor (imqattra, glacé jew kristallizzati)                                                                                                             | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali                                         |
| 2007               | Ġammijiet, jellies tal-frott, marmellati, purée tal-frott jew tal-ġewż u pastes tal-frott u tal-ġewż, miksubin bit-tisjir, kemm jekk fihom iz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud u kemm jekk le                                            | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali                                         |

| Intestatura<br>(1) | Deskrizzjoni tal-prodott<br>(2)                                                                                                                                                                                                                                               | Ħdim jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji,<br>li jagħtu status oriġinarju<br>(3)                                                                                                                   |
|--------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| ex 2008            | Prodotti għajr:<br>- Ġewż mingħajr zokkor jew spirti miżjud<br>- Butir tal-karawett; taħlitiet ibbażati fuq ċereali; qlub tal-palm;<br>qamħirrum (qamħ)<br>- Frott u ġewż imsajra mod ieħor minbarra fuq il-fwar jew<br>mgħollijin fl-ilma, mingħajr zokkor miżjud, iffriżati | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik<br>tal-prodott, fejn il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx 1-40 % tal-piż<br>tal-prodott finali                                                           |
| 2009               | Meraq tal-frott (inkluż il-most tal-ġhenab) u meraq tal-ħaxix,<br>mhux iffermentat u li ma fihx spirtu miżjud, kemm jekk fih iż-<br>zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud u kemm jekk le                                                                                        | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik<br>tal-prodott, fejn il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx 1-40 % tal-piż<br>tal-prodott finali                                                           |
| ex Kapitolu 21     | Preparati diversi tajbin għall-ikel; għajr:                                                                                                                                                                                                                                   | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik<br>tal-prodott                                                                                                                                        |
| 2103               | - Zlazi u preparati tagħhom; kondimenti mħalltin u taħwir tal-<br>ikel imħallat<br><br>- Dqiq u grixja tal-mustarda u mustarda ppreparata                                                                                                                                     | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik<br>tal-prodott. Iżda jistgħu jintużaw dqiq u grixja tal-mustarda u<br>mustarda ppreparata<br><br>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura |

| Intestatura<br>(1) | Deskrizzjoni tal-prodott<br>(2)                                                       | Ħdim jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji,<br>li jagħtu status oriġinarju<br>(3)                                                                                                                                                                                                                                     |
|--------------------|---------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 2105               | Ġelati u silġ ieħor tajjeb għall-ikel, kemm jekk ikunx fihom il-kawkaw u kemm jekk le | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn:<br>– il-piż individwali taz-zokkor u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali<br>u<br>– il-piż totali kkombinat taz-zokkor u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx is-60 % tal-piż tal-prodott finali |
| 2106               | Preparati tal-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi banda oħra                      | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn il-piż taz-zokkor użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali                                                                                                                                                                                   |

| Intestatura<br>(1) | Deskrizzjoni tal-prodott<br>(2)                                                                                                                                                                            | Ħdim jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji,<br>li jagħtu status oriġinarju<br>(3)                                                                                          |
|--------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| ex Kapitolu 22     | Xarbiet, spirti u hall; ġhajr:                                                                                                                                                                             | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ġhajr dik tal-prodott, fejn il-materjali kollha tas-subintestaturi 0806 10, 2009 61, 2009 69 użati jkunu nkisbu għalkollox             |
| 2202               | Ilmijiet, inkluż ilmijiet minerali u ilmijiet aerati, biz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud jew imħawrin, u xarbiet oħrajn mhux alkoħoliċi, eskluż il-meraq tal-frott jew tal-ħaxix tal-intestatura 2009 | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ġhajr dik tal-prodott                                                                                                                  |
| 2207 u2208         | Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'qawwa alkoħolika skont il-volum ta' aktar jew inqas minn 80 % vol; spirti, likuri u xarbiet oħra spiritużi                                                                 | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ġhajr l-intestaturi 2207 jew 2208, fejn il-materjali kollha tas-subintestaturi 0806 10, 2009 61, 2009 69 użati jkunu nkisbu għalkollox |
| ex Kapitolu 23     | Residwi u skart mill-industrija tal-ikel; forraġġ tal-annimali ppreparat; ġhajr għal:                                                                                                                      | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ġhajr dik tal-prodott                                                                                                                  |

| Intestatura<br>(1) | Deskrizzjoni tal-prodott<br>(2)                     | Ħdim jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji,<br>li jagħtu status oriġinarju<br>(3)                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
|--------------------|-----------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 2309               | Preparati li jintużaw fl-għalf tal-annimali         | <p>Manifattura fejn:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>– il-materjali kollha tal-Kapitoli 2 u 3 użati jkunu nkisbu għalkollox,</li> <li>– il-piż tal-materjali tal-Kapitoli 10 u 11 u tal-intestaturi 2302 u 2303 ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali,</li> <li>– il-piż individwali taz-zokkor u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali, u</li> <li>– il-piż totali kkombinat taz-zokkor u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-50 % tal-piż tal-prodott finali</li> </ul> |
| ex Kapitolu 24     | Tabakk u sostituti manifatturati tat-tabakk; għajr: | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, fejn il-piż tal-materjali tal-intestatura 2401 ma jaqbiżx it-30 % tal-piż totali tal-materjali tal-Kapitolu 24 użati                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        |

| Intestatura<br>(1) | Deskrizzjoni tal-prodott<br>(2)                                                                         | Ħdim jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji,<br>li jagħtu status oriġinarju<br>(3)                                                                                                                                    |
|--------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 2401               | Tabakk mhux manifatturat; skart tat-tabakk                                                              | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-intestatura 2401 użati jkunu nkisbu għalkollox                                                                                                                                                |
| ex 2402            | Sigaretti tat-tabakk jew tas-sostituti tat-tabakk                                                       | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott jew tat-tabakk tat-tipjip tas-subintestatura 2403 19, fejn mill-inqas 10 % bil-piż tal-materjali kollha tal-intestatura 2401 użati jkunu nkisbu għalkollox |
| ex 2403            | Prodotti maħsuba għall-inalazzjoni permezz ta' twassil imsaħħan jew xi mezzi oħra, mingħajr kombustjoni | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, fejn mill-inqas 10 % bil-piż tal-materjali kollha tal-intestatura 2401 użati jkunu nkisbu għalkollox                                                      |
| ex Kapitolu 25     | Melħ; kubrit; materjali tal-art u ġebel; materjali tat-tikħil, ġir u siment; għajr għal:                | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-70 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott                               |

| Intestatura<br>(1) | Deskrizzjoni tal-prodott<br>(2)                                                                                                                                                                                   | Ħdim jew ipproċessar, imwettqa fuq materjali mhux oriġinarji,<br>li jagħtu status oriġinarju<br>(3)                                                                                                      |
|--------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| ex 2519            | Karbonat tal-manjeżju naturali mfarrak (manjeżit), u mqiegħed f'reċipjenti ermetiċi u ossidu tal-manjeżju, kemm jekk pur u kemm jekk le, għajr il-manjeżja fuża jew il-manjeżja maħruqa għalkollox (sinterizzata) | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott. Iżda jista' jintuża l-karbonat tal-manjeżju naturali (manjeżit)                                                             |
| Kapitolu 26        | Minerali mhux maħduma, gagazza u rmied                                                                                                                                                                            | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott                                                                                                                              |
| ex Kapitolu 27     | Karburanti minerali, żjut minerali u prodotti tad-distillazzjoni tagħhom; sustanzi bituminużi; xemgħat minerali; għajr:                                                                                           | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott<br>jew<br>Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott |

